**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 505/2018 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**-Vs-**

**JOSEPH GALEA**

**Illum, 25 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JOSEPH GALEA** ta' 28 sena, iben ta' missier mhux magħruf u Salvina nee' Galea, imwieled ġewwa l-Pieta nhar il-15 ta' Ġunju 1990, residenti ġewwa l-fond Blokk J, Flat 3, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bi no:- 0293290M :-

a. Akkuzat talli nhar it-tmienja (8) ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar, ġewwa No. 3, Triq tal-Balal, San Ġwann:-

   Bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioe' li jikkommetti serqa minn ġewwa il-fond No. 3, Triq tal-Balal, San Ġwann, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għal-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa

aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Talli saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni LAB 207 ta' l-għamla Maruti 800 ta' lewn aħdar, mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kellhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle ;

b. Akkużat talli fil-jiem u ġimgħat ta' qabel it-tmienja (8) ta' Awwissu 2018 ġewwa No. 3, Triq tal-Balal, San Ġwann:

Ikkommetta serq ta' ħamsin (50) tieqa ta' alumninium u sitt (6) bibien ta' l-aluminium u oġetti oħra għad-detriment ta' Crocefisso Gauci, liema serq huwa kwalifikat bil- 'valur', 'mezz' u 'lok' ;

Talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mgħotija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D nhar il-27 ta' April 2016, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ;

Talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mgħotija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D nhar il-12 ta' April 2016, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata 14 ta' Novembru 2019 u mibgħuta a tenur tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali fejn indika li tistaħ tinstab ħtija fl-imputat taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 41, 261, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 257D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-rapport ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri (Dok. SF1) fis-26 ta' Mejju 2021;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**(a) L-Imputazzjoni ta' attentat ta' Serq nhar it-8 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tas-1.30 p.m. ġewwa No. 3, Triq tal-Balal, San Gwann**

Il-fatti li joħorġu mill-provi u l-atti tal-kawża b'rabta mal-ewwel imputazzjoni dwar l-attentat ta' serq li seħħ fit-8 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tas-1.30 p.m., huma s-segwenti.

Crocefisso Gauci xehed[1] illi għalkemm ir-razzett u l-għalqa ġewwa no. 3, Triq Tal-Balal, San Ġwann jappartjenu mhux lilu biss iżda lill-familja Gauci kollha, fosthom iz-zijiet tiegħu, xi sentejn qabel huwa kien ħalla diversi oġġetti hemmhekk. Huwa xehed illi tliet ijiem qabel it-8 ta' Awwissu 2018 waqt li kien għaddej bil-vettura fit-triq quddiem l-għalqa, osserva illi xi ħadd kien daħal fl-għalqa billi kien twaqqa' xi ġebel mir-reċintura tal-għalqa u ra wkoll li kien hemm frak tal-ħġieġ mal-art. Imbagħad, fit-8 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tan-nofs siegħa l-istess Crocefisso Gauci nnota li l-pjanċi tax-xatba li kienet tagħlaq l-entratura, kienu mċaqalqin u x-xatba miftuħa[2]. Huwa għalhekk imblokka l-entratura għall-għalqa bil-vann tiegħu biex jekk ikun hemm xi ħadd ġewwa, ma jkunx jista' joħroġ. Ġo l-għalqa huwa ra persuna qed tgħabbi fil-karozza, materjal li jappartjeni lilu fosthom muturi, tyres ta' vann, żewġ bibien tal-ħadid ta' garaxx u borom tal-aluminium, liema oġġetti kienu jinżammu ġo kamra fir-razzett li hemm fl-għalqa. Crocefisso Gauci qal li huwa kkonfronta lil din il-persuna, li huwa għaraf bħala l-imputat Joseph Galea, u qal illi l-imputat ried jirranġa s-sitwazzjoni u ma riedux iċempel lill-Pulizija. Beda jneħħi l-oġġetti minn ġol-vettura tiegħu u poġġihom fl-art ħdejn il-vettura ġewwa l-istess għalqa.

Jirriżulta mill-provi illi meta waslu l-Pulizija fuq il-post, huma sabu lill-imputat kien għadu hemmhekk, bilqiegħda fuq ċint, għaliex is-sid żammu milli jitlaq minn fuq il-post. Jirriżulta wkoll li effettivament, l-imputat fl-ebda ħin ma pprova jaħrab minn fuq il-post.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Zammit**[3], ġie kkunsidrat li r-reat ta' serq:

---

[1] Xhieda ta' Crocefisso Gauci quddiem l-espert il-Perit Richard Aquilina, nominat fl-Inkjesta Maġisterjali – relazzjoni Dok. RA, fol. 135 *et seq*.

[2] Ara ritratt FS181228 – 18BVF 102 fir-relazzjoni ta' WPC 355 Elisa Valente, Dok. EV1. Il-Qorti tinnota, għal kull buon fini illi għalkemm hija xehdet li ġiet maħtura bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti, ma jirriżultax mill-*proces-verbal* tal-Inkjesta dwar dan il-każ (Dok.PV) li hija kienet ġiet effettivament maħtura.

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015).

"*5. ... jirravviża l-konkorrenza ta' ħames elementi pależament aċċettati mill-Qrati tagħna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' ħaġa (ii) ta' ħaddieħor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traċċabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro*".

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jean Claude Cassar**[4] fejn gie kkunsidrat li: "*Fil-ġurisprudenza tagħna, il-Qrati dejjem imxew ma' l-aktar teorija stretta dwar is-serq – dik ta' Carrara li fil-qosor tgħid li biżżejjed li wieħed iċaqlaq lapes minn post għal ieħor ġewwa l-istess kamra biex ikun ikkommetta serq.*"

Il-Qorti wara li qieset il-provi u x-xhieda, hija tal-fehma illi effettivament, l-imputat ikkometta mhux biss attentat ta' serq iżda d-delitt ta' serq debitament eżegwit u kkonsmat fl-elementi kollha materjali u formali tiegħu. L-imputat inqabad *in flagrante delicti* mid-derubat innifsu waqt li kien għadu fuq il-post hekk kif għabba l-ħadid u l-oġġetti l-oħra fil-vettura li kien hemm fuq il-post. Huwa minnu li l-imputat ma rnexxilux jitlaq minn fuq il-post minn fejn kienu ttieħdu l-oġġetti, iżda jirriżulta abbundantement mill-provi illi l-imputat kien diġa' għabba dawn l-oġġetti fil-vettura li jirriżulta li hi liċenzjata fuq ommu Salvina Galea, tant illi wara li ġie interċettat, huwa aċċetta li jneħħihom mill-vettura u effettivament ħariġhom fil-presenza tas-sid u poġġihom fl-art. Minn dan l-aspett il-Qorti tirravviża l-element tal-kontrettazzjoni kif jinsab imfisser fil-ġurisprudenza paċifika, fejn huwa rikonoxxut r-reat ta' serq huwa ikkonsumat u jissussisti fl-elementi kollha tieghu fil-mument illi "*la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava*[5]", irrispettivament mir-ritorn o meno tar-*res furtiva*.

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Mejju, 2004 (Numru 409/2003).

[5] Carrara (Teoria dell'amotio) – citata f'Diritto Penale (L. Delpino), Parte I, p. 816.

Ġie ritenut in propositu mill-Corte di Cassazione Taljana illi:-

"*Risponde di furto consumato e non semplicement e tentato chi, dopo essersi impossessato della refurtiva non sia ancora allontanato dal luogo della sottrazione e abbia esercitato sulla cosa un potere del tutto momentaneo essendo stato costretto ad abbandonarla subito dopo il fatto per il pronto intervenuto dell'avente diritto o della polizia.*"[6]

Ghalhekk il-fatt illi l-imputat ma rnexxilux jallontana ruħu minn fuq il-post tas-serqa ma jnaqqas xejn mill-element tal-*contrectatio* għaliex jirriżulta li meta ġie interċettat huwa kien diġa' sposta l-oġġetti ta' Crocefisso Gauci mill-post fejn kienu jinsabu, ċioe' mill-kamra fl-għalqa, u stivahom fil-vettura tiegħu.

L-imputat fl-istqarrija tiegħu jikkontendi li l-oġġetti li huwa ħa mill-għalqa kienu imbarazz li tħalla ġo post mitluq. Għalkemm din il-linja difensjonali ma reġgħetx ġiet sollevata u trattata waqt is-sottomissjonijiet finali, il-Qorti tħoss li xorta waħda għandha tinvesti dwar dan il-punt ta' kontestazzjoni. Dan qed jingħad għaliex meta jiġi allegat li l-oġġetti li jkun ittieħed il-pussess tagħhom kienu mitluqin għar-rimi u jew ma kienu jappartjenu lil ħadd, ikun qed jiġi allegat sija n-nuqqas tal-element materjali tal-*contrectatio* kif ukoll in-nuqqas tal-element formali tar-reat ta' serq.

Fir-rigward tal-elementi formali, il-Professur Anthony Mamo jgħid:

"*Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own.*"

---

[6] Corte di Cassazione, 18 ta' Awwissu 1993. Dan kollu ġie ċitat fis-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismjiet **Il-Pulizija v. Sergio Agius**, 3.12.2018.

Iżda, naturalment, sabiex il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li kien hemm żball jew ħsieb li huwa wieħed ġenwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-iżball jew dak il-ħsieb kien wieħed **raġjonevoli** fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tirrikonoxxi, kif del resto inhuwa risaput, illi sabiex jista' jkun hemm it-teħid ta' oġġett u kwindi sabiex jissussisti l-element tal-*contrectatio* fir-reat ta' serq, kif ukoll l-element formali tad-dolo, l-oġġett tat-teħid irid ikun *res aliena*, cioe` ħaga li tkun posseduta haddiehor u dan għaliex persuna li tapproprija ruhha minn *res nullius* jew *res derelictae*, ċioe` oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu, ma tistax titqies li tkun wettqet ir-reat tas-serq.

Fi kliem il-Professur Mamo:-

"*The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. ... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. ... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft*".

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'sentenza moghtija recentement dwar kaz konsimili, qalet hekk:-

« *Biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa res derelictae dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabbilta għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi*

*ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprijat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.* »[7]

Jekk allura fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni, ic-cirkostanzi jkunu juru li l-oġġett huwa *res aliena,* allura l-persuna li tapproprija ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oggett.

Il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi hija tal-fehma illi għalkemm huwa minnu li l-oġġetti li ġew approprjati mill-imputat kienu oġġetti qodma u għalkemm huwa minnu li r-razzett minn fejn ittieħdu ma kienetx okkupata u l-għalqa jirriżulta li kienet effettivament fi stat żdingat, il-fatt innifsu li l-aċċess mit-triq għall-għalqa li tifforma parti mit-territorju tar-razzett, kien imbarrat huwa biżżejjed biex tikkonvinċi lill-Qorti illi l-imputat ma setax raġjonevolment jasal għall-konklużjoni li dawn l-oġġetti kienu abbandunati, mormijin jew ma jappartjenu lil ħadd.  Ghall-kuntrarju, kellu jkun ovvju għalih li l-post kien proprjeta' privata u li l-affarijiet ġo fih ma setgħux jittieħdu liberament minnu.  Huwa minnu wkoll illi l-oġġetti ma ttiehdux bil-moħbi jew bil-lejl u l-imputat ma jidhrix li pprova jaħbi wiċċu jew l-oggetti li approprja minn fuq il-post: tant hu hekk li l-vettura misjuqa minnu kienet ipparkeġġjata ħdejn ir-razzett u l-oġġetti ma kienux moħbijin fil-vettura.  Madanakollu, fil-gabra tac-cirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati, dan m'huwiex bizzejjed ghall-prova li l-intenzjonijiet tieghu kienu ġenwini.

Konformenent, m'huwa nieqes la l-element tal-*contrectatio* u lanqas l-element formali tad-dolo mehtiega ghall-prova tar-reat ta' serq.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-imputat għandu jinsab ħati tad-delitt ikkunsmat u mhux sempliċement bit-tentattiv tat-twettiq tad-delitt kwantu għall-addebitu tas-serqa li seħħet fit-8 ta'

---

[7] **Il-Pulizija v. Gianluca Carabott**, deciza 26 ta' Gunju 2020.

Awwissu 2018 għall-ħabta tas-1.30 p.m., madanakollu mill-kliem tal-imputazzjoni huwa evidenti li l-imputat ġie mixli biss bid-delitt ta' serq fil-forma attentata tiegħu u mhux bid-delitt ikkonsmat. Huwa minnu illi fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali indika sija l-Artikolu 41 u kif ukoll l-Artikoli tal-liġi li jipprospettaw id-delitt ikkonsmat ta' serq (Artikoli 261 *et seq*. tal-Kap. 9) iżda kwalunkwe ekwivoku li seta' kien hemm dwar jekk l-imputat huwiex mixli bid-delitt ta' serq ikkonsmat jew attentat in kwantu s-serqa li twettqet fit-8 ta' Awwissu 2018, jew bit-tnejn, ġie eliminat meta l-Avukat Ġenerali talab korrezzjoni fl-akkużi. Effettivament fiċ-Ċitazzjoni l-ġdida ppreżentata u moqrija fit-22 ta' Novembru 2018[8], ġie ppreċiżat illi **kwantu l-fatti li seħħew fil-ġurnata tat-8 ta' Awwissu 2018, l-imputat huwa mixli biss bid-delitt attentat**, filwaqt li kwantu għall-fatti li seħħew fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel it-8 ta' Awwissu 2018, mertu ta' imputazzjoni oħra separata, l-imputat huwa akkużat bid-delitt ikkonsmat ta' serq.

Il-Qorti tqis illi l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju jridu dejjem jiġu eżaminati flimkien ma' u fl-isfond tal-akkużi kif imfasslin fiċ-Ċitazzjoni u miġjuba fil-konfront tal-imputat u fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti hu ovvju li l-indikazzjoni mill-Avukat Ġenerali indika tal-artikoli tal-liġi li jipprospettaw id-delitt ikkonsmat ta' serq, tista' ssib riskontru u applikazzjoni biss kwantu għall-imputazzjoni ta' serq li saret **fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel it-8 ta' Awwissu 2018**.

Issa mill-provi jirriżulta inkonfutabbilment illi l-imputat ġie interċettat minn Crocefisso Gauci jisraq il-bibien tal-ħadid u l-pompi, fost materjal ieħor, fit-8 ta' Awwissu 2018, filwaqt illi l-bibien u twieqi tal-aluminium, imsemmijin fl-akkuża separata jirrizulta li kienu diġa' nsterqu fil-jiem preċedenti u ma kienux qegħdin jinġarru fost il-materjal li kien ġie mgħobbi fil-vettura li kien qed juża l-imputat fit-8 ta' Awwissu 2018.

[8] Fol. 94.

Dan kollu jfisser illi kwantu għall-fatti li seħħew fit-8 ta' Awwissu 2018 u kwindi, il-fatti li jinkwadraw fil-parametri tal-ewwel imputazzjoni kif imfassla, il-Qorti, anke jekk mill-provi jirriżulta b'mod konklussiv li l-elementi kollha tar-reat ta' serq jinsabu sodisfatti, ma tistax issib ħtija fl-imputat għad-delitt ikkonsmat li huwa delitt iktar gravi, meta kif rajna, id-delitt li ġie akkużat bih fl-ewwel imputazzjoni huwa l-forma minuri tad-delitt ċioe' l-attentat ta' serq li sar fit-8 ta' Awwissu 2018. Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx korrezzjoni f'din l-akkuża biex ir-reat addebitat lill-imputat jiġi jirrispekkja dak li kien diġa' jirriżulta b'mod evidenti mix-xhieda minn stadju bikri tal-proċess, bil-konsegwenza illi l-Qorti baqgħet marbuta bl-imputazzjoni kif imfassla, ċioe' tad-delitt attentat ta' serq.

Kif inhuwa paċifikatament ritenut fil-ġurisprudenza in materja:-

"*Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz.*

...

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud, fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax* (*recte.* ma tistax) *issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess ...*"[9]

Għalhekk sejra ssib lill-imputat ħati biss ta' tentattiv ta' serq taħt l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9.

[9] **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** – deciza mill-Qorti tal-Appell 18.2.2020.

Għall-kompletezza u għall-finijiet tal-piena taħt l-Artikolu 41, għandu jingħad jingħad illi l-Qorti ma tistax issib li t-tentattiv ta' delitt imwettaq mill-imputat fit-8 ta' Awwissu 2018 kien wieħed aggravat għaliex imkien fil-kliem taċ-Ċitazzjoni ma ġie mixli l-imputat b'tentattiv ta' serq aggravat b'xi kwalifika minn dawk indikati fl-Artikolu 261 tal-Kap. 9. Huwa minnu li l-kliem tal-imputazzjoni jaddebitaw lill-imputat tentattiv ta' serq minn ġol-fond No. 3, Triq tal-Balal, San Ġwann u għalhekk jiftiehem b'mod bizzejjed ċar mill-kliem tal-akkuża li s-serqa saret f'lok speċifiku, iżda wara li fliet il-provi fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax li dan il-lok huwa wieħed minn dawk elenkati fl-Artikolu 269, f'dan il-każ, fil-paragrafu (g) ossia "*dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel minnha*". Dan qed jingħad għaliex għalkemm mix-xhieda ta' Crocefisso Gauci, jirriżulta illi l-oġġetti li ġew mgħobbija fil-vettura tal-imputat, ittieħdu minn ġo kamra li tifforma parti mir-razzett li hemm ġol-għalqa, il-Qorti m'hijiex konvinta illi dan ir-razzett huwa dar ta' abitazzjoni. Biżżejjed li wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn ir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' WPC 355 Elisa Valente biex wieħed jasal għall-konklużjoni li r-razzett ma kienx post ta' abitazzjoni: konklużjoni li hija sorretta ulterjorment mill-fatt li mkien fil-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma jirriżulta li xi ħadd xi darba kien juża dan il-fond għall-abitazzjoni.

Għall-bqija[10] u f'kull każ, ma ġew riskontrati l-ebda provi dwar il-valur tal-oġġetti li l-imputat seraq minn ġol-kamra u lanqas jirriżulta li d-dħul mill-imputat fl-għalqa in kwistjoni sar bi sgass, ġaladarba fit-8 ta' Awwissu 2018 id-dħul sar biss billi ċċaqlaq il-pjanċi tal-ħadid li kienu qegħdin max-xatba u fetaħ ix-xatba[11]. Barra dan, jirrizulta mill-Current Incident Report esebit a fol. 10 jirrizulta illi Crocefisso Gauci twieled fit-30 ta' Dicembru 1963 u konsegwentement, m'huwiex persuna anzjana fit-tifsira tal-Artiklu 257D tal-Kap. 9 ghaliex ma kienx ghalaq l-eta' ta' sittin sena fid-data tas-serqa. Lanqas ma ngiebet xi prova mill-Prosekuzzjoni li huwa xu adult dipendenti kif mehtieg ghall-applikazzjoni tal-pieni msemmija fl-istess Artikolu fuq imsemmi.

[10] L-Avukat Ġenerali indika fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju il-kwalifiki tal-valur, mezz u lok (Art. 263, 264, 267 u 269 tal-Kap. 9).

[11] Il-ġebel tal-ħajt tar-reċintura kien twaqqa' ġranet qabel : Crocefisso Gauci xehed li huwa nnota li l-ġebel tal-ħajt ġie maqlugħ fit-3 ta' Awwissu 2018 (relazzjoni Perit Richard Aquilina, fol. 136).

Ghalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 257D tal-Kap. 9 kif indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

Għaldaqstant, għall-fini tal-piena tar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, din għandha tkun il-piena għar-reat ta' tentattiv ta' serq sempliċi.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-vettura li kienet qed tintuża mill-imputat fit-twettiq tad-delitt ma ġietx esebita formalment fl-atti u għalhekk il-Qorti ma tistax tordna l-konfiska tagħha bħala l-*corpus delicti* għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9.

**(b) L-Imputazzjoni ta' Serq aggravat ta' 50 tieqa tal-aluminium u sitt bibien tal-aluminium**

L-imputat ġie mixli wkoll li seraq diversi aperturi tal-aluminium, speċifikatament ħamsin (50) tieqa u sitt (6) bibien, minn ġol-istess għalqa u dan fil-jiem u l-ġimgħat ta' qabel is-serqa li saret fit-8 ta' Awwissu 2018. Aperturi li mill-provi jirriżulta li qegħdin jingħataw valur ta' ċirka €1,900[12] iżda mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, jirriżulta li kellhom biss *scrap value*[13]. Crocefisso Gauci xehed li meta kien għaddej quddiem l-għalqa ftit jiem qabel it-8 ta' Awwissu 2018, huwa nnota li kien twaqqa' xi ġebel tal-ħajt tal-għalqa u ra wkoll frak tal-ħġieġ mal-art. Xehed ukoll illi meta huwa interċetta lill-imputat fit-8 ta' Awwissu 2018 jisraq il-materjal tal-ħadid minn ġol-istess għalqa, huwa ra illi xi ħadd kien seraq il-bibien tal-aluminium li kienu fl-għalqa mqegħdin mal-ħajt u kisser ukoll il-ħġieġ li kien imwaħħal mal-istess bibien tal-aluminium. Huwa kkonkluda li kien l-istess imputat li kien sgassa r-reċintura tal-għalqa fil-ġranet ta' qabel u seraq l-aperturi tal-aluminium minn ġol-istess għalqa, allegazzjoni li giet michuda mill-imputat b'mod kategoriku fl-istqarrija tiegħu[14].

Madanakollu, il-Qorti tqis li ma hemmx biżżejjed provi li jorbtu lill-imputat mas-serqa li seħħet ftit ġranet qabel it-8 ta' Awwissu 2018 mill-istess għalqa ġewwa no. 3, Triq

[12] Dok. LBE7 u LBE8, fol. 58 u 59.
[13] Fol. 138.
[14] "Ma ħadtx iktar imbarazz minn hemm." – fol. 7, stqarrija tat-8 ta' Awwissu 2018.

tal-Balal, San Ġwann għad-dannu ta' Crocefisso Gauci. Diversament mis-serqa li twettqet fit-8 ta' Awwissu 2018, l-imputat ma ġiex interċettat jikkommetti din is-serqa, u lanqas ġie osservat dieħel jew ħiereġ mill-fond jew iwaqqa' l-ħajt tas-sejjieħ. Għalkemm huwa minnu li Robert Agius, il-kuġin ta' Crocefisso Gauci, xehed[15] illi huwa ra karozza żgħira ħadra tal-għamla Maruti jew Suzuki qed titgħabba bl-aluminium quddiem ir-razzett, ma kienx kapaċi jippreċiża ż-żmien meta ra din l-vettura mgħobbija bl-aluminium, jekk kienx fis-sajf ta' qabel xehed, ċioe' fl-2019, jew addirittura fis-sena ta' qabel. Għall-Qorti, il-fatt illi x-xhud fi żmien mhux magħruf, ra vettura simili ħafna għal dik li l-imputat kien qed juża biex iwettaq is-serq tal-ħadid fit-8 ta' Awwissu 2018 m'huwiex biżżejjed waħdu biex jitqies bħala indizju inekwivoku u univoku illi jorbot l-akkużat direttament mal-fatti inkriminati.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fix-xhieda tiegħu Robert Agius naqas milli jispeċifika meta kien għarraf lil Crocefisso Gauci dwar il-karozza li kien ra quddiem ir-razzett iżda eskluda li kien ċempillu biex jgħarrfu. Magħdud dan il-fatt illi Crocefisso Gauci fix-xhieda tiegħu imkien ma semma li kuġinuh kien kellmu dwar il-karozza li kien ra quddiem ir-razzett.

Il-Qorti m'hijiex sejra toqgħod tispekola dwar iż-żmien meta Robert Agius ra l-vettura mgħobbija bl-aluminium u dwar il-persuna li kien qed jgħabbi dan il-materjal fil-vettura għaliex hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali fejn għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull serqa jew ħsara addebitata lill-imputat, bejn l-istess imputat u dik is-serqa jew ħsara: ness li jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dik is-serqa jew ħsara u jinkombi unikament lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

[15] 15 ta' Jannar 2020.

Huwa naturalment possibbli li l-vettura li ra Robert Agius kienet l-istess waħda li uża l-imputat biex jisraq mill-istess post fit-8 ta' Awwissu 2018 u konsegwentment huwa wkoll possibbli li kien effettivament l-imputat li seraq l-aluminium. Iżda din il-possibbilita' waħedha, in mankanza ta' ebda prova oħra diretta jew indiretta li torbot lill-imputat ma' din is-serqa u speċifikatament, mingħajr identifikazzjoni ulterjuri tal-vettura jew deskrizzjoni tal-persuna li kien qed jgħabbi l-materjal jew imqar data jew perijodu ta' żmien iktar definittiv li jixbaħ id-data fl-akkuża, ma twassalx għall-konvinċiment morali li huwa meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li kien effettivament l-imputat odjern li seraq l-aperturi tal-aluminium ta' Crocefisso Gauci.

Għaldaqstant, mhux ser tinstab ħtija fl-imputat għar-reat addebitat f'din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 15(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u dan fit-tieni imputazzjoni.

Kwantu għar-reat taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-provi jirriżulta illi l-imputat, meta ġie interċettat minn Crocefisso Gauci u mill-uffiċjali Pulizija fosthom PS 1128 Glenn Sammut[16] ġewwa l-għalqa fejn seħħet is-serqa, kien qed juża vettura ta' kulur aħdar bin-numru ta' reġistrazzjoni LAB-207. Mix-xhieda ta' Karen Cremona jirriżulta illi din il-vettura hija tal-għamla Maruti 800 u kienet ilha reġistrata sa mill-2017 f'isem Salvina Galea u illi fit-8 ta' Awwissu 2018 din kienet għadha liċenjzata f'isimha. Mill-istess xhieda u speċifikatament minn Dok. KC2[17] jirriżulta wkoll li l-imputat Joseph Galea ma kellux, fiż-żmien tat-twettiq tar-reati addebitati lilu f'dawn il-proċeduri, liċenzja tas-sewqan: nuqqas li huwa ammetta bla tlaqliq fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija dakinhar stess tas-serqa.

[16] Xhieda tat-22 ta' Novembru 2018. Ara wkoll xhieda ta' PS 336 Francesco Imbroll, tal-11 ta' Ottubru 2018.
[17] Fol. 108.

Kwantu għall-element materjali tad-delitt taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, ċioe' li s-soġġett tar-reat ikun saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan, il-Qorti tosserva illi filwaqt li hu minnu li ma jirriżultax mill-provi li l-imputat f'xi ħin inqabad isuq il-vettura LAB-2017 u kwindi m'hemmx provi diretti li kien qed isuq il-vettura, huwa jammetti fl-istqarrija li rrilaxxa fit-8 ta' Awwissu 2018 illi huwa kien saq din il-vettura u mar biha fl-għalqa dakinhar stess[18]. Barra minn hekk, il-provi ċirkostanzjali fil-każ huma univoċi u jwasslu għall-konkluzjoni ovvja li l-imputat kien daħal fl-għalqa billi kien qed isuq il-vettura LAB-207 Maruti appartenenti lil ommu Salvina Galea[19] li hija s-sid liċenzjat tal-vettura[20], liema vettura kienet mgħobbija bl-affarijiet li, kif ammetta wkoll, kien bi ħsiebu jarmahom fil-kamra fuq il-garaxx li għandu Ħal Qormi. Għaldaqstant l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala prova il-fedina penali tal-imputat kif ukoll kopja ta' żewġ sentenzi li ngħataw fit-12 ta' April 2016 u fis-27 ta' April 2016[21], minn din il-Qorti diversament preseduta, entrambi erogati fil-konfront ta' Joseph Galea detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293290M, li huwa l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern. Billi dan in-numru huwa uniku għal kull individwu, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi ngħataw proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Il-kopji ta' dawn l-istess sentenzi ġew debitament awtentikati bil-firma u t-timbru tad-Deputat Registratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi u ġew esebiti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur waqt ix-xhieda tiegħu fit-22 ta' Novembru 2018.

---

[18] "*Insuq Maruti li mort biha l-għalqa u qeghda fuq ommi. Allaħares tkun taf.*" – fol. 7.
[19] Ara ċertifikat tat-twelid tal-imputat, Dok. LBE6.
[20] Ara Dok. KC1, fol. 104.
[21] Dok. LBE12 u Dok. LBE13, fol. 118 *et seq*.

Madanakollu, dan premess, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-imputat għalkemm jirriżulta li nstab ħati permezz ta' dawn iż-żewġ sentenzi li kkommetta diversi reati kriminali - serq u ħsara volontarja - ma ngħatax piena, iżda ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin. Fir-rigward, jinsab ritenut illi fejn il-ħati ingħata sanzjoni kontemplata fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446) ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta[22]. Fir-rigward ġie ritenut hekk:-

"*Irid ghal darb'ohra jigi ribadit illi dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap. 446 (u qabel il-Kap. 152) "ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini tkun li tkun hlief" fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 446 (qabel l-artikolu 12 tal-Kap. 152) u liema cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation.*"[23]

Fil-każ in diżamina, għajr għas-sentenzi tat-12 ta' April 2016 u 27 ta' April 2016 u l-fedina penali tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi oħrajn konsistenti f'sentenzi li kkundannaw lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali fejn ingħata piena fost dawk imsemija fil-Kodiċi Kriminali u fil-fehma tal-Qorti, hija naqset milli tipproduċi in atti prova suffiċjenti ta' dan l-addebitu. Kif ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna in materja tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li huwa reċidiv la taħt l-Artikolu 49 u lanqas taħt l-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

---

[22] **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6.2.2013

[23] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stephen Zahra** deciz fit-30 ta' April 2008.

L-imputat ġie mixli wkoll illi kkommetta r-reati li qed jinstab ħati tagħhom illum, waqt li kien taħt żewġ Ordnijiet ta’ Probation li ġew mahruga bis-sahha taz-żewġ sentenzi esebiti fl-atti[24]. Kif diġa’ stabbilit, dawn is-sentenzi ingħataw fil-konfront tal-imputat odjern, Joseph Galea u ġaladarba ir-reati li huwa qed jinstab ħati li kkommetta ġew effettivament kommessi fit-8 ta’ Awwissu 2018, hu ovvju li dawn ġew kommessi waqt li dawn l-Ordnijiet ta’ Probation kienu għadhom fis-seħħ. Ma ntwera bl-ebda mod li l-imputat diga’ gie trattat ghar-reati li dwarhom tqieghed taht Ordni ta’ Probation u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghazla hief tittratta lill-imputat ghal dawk ir-reati.

Ikkunsidrat ;

Għall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali ferm oneruża tal-imputat li minkejja li nghata opportunitajiet varji biex jirriforma ruħu permezz ta’ sanzjonijiet komunitarji taħt il-provvedimenti tal-Kap. 446, huwa evidentement naqas milli jagħraf kif ghandu jimxi fit-triq it-tajba u jzomm ‘il boghod mid-delinkwenza. Kemm hu hekk, jirriżulta illi huwa nstab ħati wkoll li wettaq dawn ir-reati waqt li kien taht zewg Ordniijiet ta’ Probation.

Evidentement, l-imputat ma jridx jerfa’ responsabbilita’ għal egħmilu u mhuwiex interessat li jirriforma ruħu. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li għanda tagħti lill-imputat sanzjoni fil-komunita’ għaliex indubbjament, sejra tkun qiegħda taħli l-ħin u r-riżorsi tal-istituzzjonijiet f’tentattiv li tirrijiabilita lill-imputat li kjarament irrifjuta li jużufruwixxi mill-opportunitajiet għal riforma u mill-għajnuna li ngħatalu tul is-snin. Lanqas tista’ tagħmel dan in vista tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 kif ukoll in vista ta’ dak li jipprovdi l-paragrafu (c) tal-Artikolu 28A(7) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ħadet ukoll qies tar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer Sharlet Fabri li fir-rapport tagħha sostniet illi l-imputat kellu trobbija diffiċli liema trobbija wasslet għal nuqqas ta’ opportunitajiet kif ukoll nuqqas ta’ stabbilita’ f’ħajtu, fatt li huwa

[24] Dok. LBE12 and LBE13.

evidenzjat mid-diversi wlied li għandu minn numru ta' relazzjonijiet differenti u n-nuqqas ta' impjeg stabbli u regolarizzat. Esprimiet iżda xettikiżmu dwar l-allegazzjoni tal-imputat li għandu l-vizzju tad-droga u fir-rigward, ma rrakkomandatx li jingħata għajnuna fir-rigward.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnu, u ma ssibux ħati lanqas tal-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a) u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil JOSEPH GALEA ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah xaharejn (2) priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tittratta lil JOSEPH GALEA għar-reati li dwarhom saret Ordni ta' Probation permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' April 2016 u tikkundannah sentejn prigunerija; tittratta lill-istess ħati wkoll ghar-reati li dwarhom saret Ordni ta' Probation permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2016 u tikkundannah sentenjn prigunerija effettiva.**

**Komplessivament erba' snin u xahrejn priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta tiskwalifika lill-ħati milli jkollu, izomm jew jiskeb kull licenzja ta' sewqan ghal zmien xaharejn liema terminu jibda jgħaddi mid-data li fiha tiġi skontata l-piena.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**